IL-BELT VICTORIA
RIVISTA MAĦRUGA MILL-PARROCCA TA' SAN ĠORĠ • GĦAWDEX

Marzu - April 1995

*Nru. 83*

*Il-Kelma ta' l-Arċipriet*

# Nixteqilkom Nuċċali bi tlett lentijiet



Ftit taż-żmien ilu, waqt li kont qed inqalleb daqsxejn ta' ktejjeb, mimli tagħlimiet, għajnejja waqgħu fuq ritratt ta' nuċċali tal-viżta. għall-ewwel ma tajtx każ, iżda hekk kif bdejt inħares sewwa ittendejt li dak kien nuċċali speċjali, għaliex flok żewġ lentijiet kellu tlieta. Dan ir-ritratt qajjimli kurżita' kbira fija, u komplejt naqra l-artiklu li kien hemm taħtu. Dak li qrajt poġġieli quddiemi diversi mistoqsijiet, li biex inweġibhom kelli ngħarrex sewwa fil-kuxjenza tiegħi.

Bħala Rigal għall-Festa ta' l-Għid nixtieq inwasslilkom xi ħsebijiet minn dak li qrajt f'dak l-artiklu.

❑ Sew jekk għandek viżta tajba, sew jekk le, għandek bżonn dan in-nuċċali speċjali. Imma tinsiex: mhux faċli jkollok wieħed bħalu. Biex ikollok wieħed bħalu trid **temmen li Ġesu' qam mill-mewt!** Jekk temmen dan, allura inti tibda' tħares b'mod tassew differenti lejn l-affarijiet. Tibda' tara kollox minn ġo lenti speċjali.

❑ **Mingħajr dan in-Nuċċali:**

- issib lilek nnifsek tilbes dejjem u bil-fors skond l-aħħar moda (tkun xi tkun l-aħħar moda)
- tibda tagħmel biss dak li jaqbillek (jew inkella dak li mingħalik jaqbillek)
- tibda tħoss li l-ħajja hija bla sens, is-salib jgħaffġek, u tintela' bid-dwejjaq il-ħin kollu.

❑ **Jekk iddum mingħajr dan in-Nuċċali:**

- tibda tmurlek il-viżta.
- tibda ma tarax għaliex għandek toqgħod "taħli" il-ħin fit-talb.
- tibda tgħid li int lil Alla qatt ma rajtu.

❑ **Jekk jidra mingħajr dan in-Nuċċali:**

- ma tħossx il-bżonn tiċċekkja l-

*ikompli f'paġna 3*



## *L-għid it-Tajjeb lil Kulħadd*

IL-BELT
VICTORIA
*RIVISTA TA' KULL XAHREJN*
*Uffiċċju Editorjali:*
Ċentru Parrokkjali San Ġorġ
Triq il-Karità, Victoria, Għawdex.
Tel: 556377

## MEMBRI ĠODDA FIL-KOMUNITA' PARROKKJALI

***19.02.95:*** EMAN, iben Vincent Borg u Ursola nee' Mercieca
***04.03.95:*** STEFAN, iben Paul Scicluna u Mary Paula nee' Refalo
***04.03.95:*** ANDREW, iben John Caruana u Sonia nee' Falzon
***11.03.95:*** SAMUEL, iben Emanuel Mizzi u Maria nee' Tabone

## MARRU JINGĦAQDU MA' KRISTU RXUXTAT

***05.02.95:*** Ferdinando Pace
***09.03.95:*** Georgia Mejlak
***10.03.95:*** Alfred Attard
***16.03.95:*** Victor Attard
***19.03.95:*** Francesca Grech
***28.03.95:*** Francis Portelli

***Baqa' sitt postijiet BISS għall-***

# PELLEGRINAĠĠ GĦAL-LOURDES

**mill-31 ta' Lulju**
**sal- 5 ta' Awissu '95**
**immexxi minn Mons. Arċipriet**
*Iktar tagħrif u Booking mingħand l-Arċipriet*

***Ħinijiet tal-Quddies matul il-Ħin tas-Sajf fil-għaxija:***

*Matul il-ġimgħa:* Fil-5.30 u fis-7.00
*Ħdud u Festi:* Fil-5.00 u fis-6.30

**TAJT SEHEMEK FIT-TISWIJIET KBAR TAL-KAMPNAR?**
**Jekk le, ipprova offri xi għajnuna.**
***Kull ftit jgħin.***

## *Editorjal...*

# SEPARAZJONIJIET IKTAR MINN ŻWIĠIJIET

L-iktar aħbar allarmanti li kellna f'dawn l-aħħar ġimgħat kienet dik dwar in-numru ta' separazjonijiet u żwiġijiet fl-ewwel zahrejn ta' l-1995. Matul dan il-perijodu ġew reġistrati 150 żwieġ u 172 separazjoni - iktar separazjonijiet milli żwiġijiet. Aħbar li ssewwidlek qalbet! Aħbar li ġġagħlek taħseb! Aħbar tassew allarmanti!

Meta wieħed jaqra dawn il-figuri bilfors isewwed qalbu. Dan kollu jfisser li min qed jidħol għal dan l-impenn jew mhux qed ikun preparat biżżejjed jew inkella ma jafx xi jfisser żwieġ. Issewwed qalbek għax tħoss li l-valuri tal-familja maltija jew spiċċaw għal kollox jew qiegħdin biex. Issewwed qalbek x'ħin tara l-figura ta' separazjonijiet komparata ma dik ta' żmiġijiet għax jekk tħares 'l quddiem tara żgur futur imċajpr ferm għall-familja maltija u għawdxija. X'ulied ser joħorġu minn familji separati? Kemm ser ikunu prparati dawn fl-għożża tal-familja biex huma wkoll meta jgħaddi ż-żmien u jilħqu l-eta' tagħhom ikollhom familja soda kif kien ikollna fl-imgħoddi?

Din kienet aħbar li ġġagħlek taħseb. Aħbar li bilfors ġġagħlek iġġib quddiem għajnejk il-konsegwenzi ta' tant separazjonijiet. Min jaf kemm intefqu flus ghal dawn iż-żwiġijiet li spiċċaw ħerba? Min jaf kemm rigali, videos, riċevimenti saru? Min jaf kemm tiżjin fil-knisja biex it-tieġ jirnexxi? Imma mili jidher l-aqwa preparazzjoni ma saritx! Milli jidher kollox sar għal għajnejn in-nies! Milli jidher kollox qed isir biex ma nkunx agħar minn ħaddieħor! Bilfors taħseb meta tisma' aħbar kerha bal din.

U aħbar bħal din filfors tkun allarmanti. Donnu li konna għadna naħsbu li għax qed infittxu li niżżewġu bil-knisja kollox ward u zahar! Milli jidher konna kuntenti bl-attendenza għall-korsijiet obbligatorji! Forsi konna nikkonvinċu ruħna għax dak li jkun jagħmilx biss żwieġ ċivili! Imma morna żmerċ! Konna qed nibnu fuq ir-ramel?

X'ser nagħmlu issa? Jekk ser noqgħodu nibku ħtijietna mhu ser naslu mkien. Jekk ser nikkomparaw x'qed jiġri barra minn Malta niżbaljaw bl-ikraħ. Irridu naġixxu. Irridu naħdmu iktar. Irridu nistudjaw x'ġara. Minn ser jieħu f'idejh impenn tqil bħal dan? Kulħadd għandu d-dover li jgħin. Kulħadd irid jagħmel ħiltu biex min jersaq għaż-żwieġ ikun verament ippreparat. Dawk li jippreparaw żgħażagħ b'korsijiet għaż-żwieġ iridu jistudjaw fejn sejrin żmerċ. Il-parroċċa trid tara li tilħaq iktar u iktar żgħażagħ li jkunu ser jagħmlu dan il-pass. Trid tassigura li t-30 lezzjoni ta' preparazzjoni għaż-żwieġ qed jattendi għalihom kulmin ser jersq għal dan is-Sagrament. Ma nistgħux nibqgħu passivi. Hemm ħafna affarijiet li qed jaħdmu kontrina. Il-figuri jitkellmu waħdhom!!!

## Il-Kelma ta' l-Arċipriet

*Jaqbad mill-paġna ta` quddiem*

viżta, jiġifieri tibda ma tarax sens fil-qrar.

- l-anqas tibqa' tinduna li tkun għamilt id-dnub.
- tibda ma jimpurtakx jekk għamiltx id-dnub, (iġġib l-iskuża li l-aqwa li ma tkun weġġajt lil ħadd).
- tibda tagħti importanza żejda lill-flus
- tibda tfittex li tkun stmat u mfittex (akkost li 'tirranġa' jew 'ixxaħħam').

**Jekk ma temminx li Kristu qam mill-mewt, alla tiegħek issir int stess.**

❑ **Jekk tuża dik il-lenti speċjali** ***(jiġifieri jekk temmen li Kristu qam tassew mill-mewt)***

- tibda tara sens ġdid fil-ħajja
- ikollok dik il-paċi li Kristu biss jaf jagħti
- b'għemilek turi li din il-ħajja mhix l-unika waħda li għandna
- tara fil-familja tiegħek mhux mezz li jdejjqek, iżda li jqaddsek.

***Jekk temmen li Ġesu' qam mill-mewt, allura int temmen li l-qabar tiegħu huwa vojt, għax HU ħaj, mhux ser jispiċċa. Jekk temmen dan, allura qiegħed tistennih jerġa jiġi fil-glorja.***

❑ **B'din il-lenti speċjali, inti**

- issib sens ġdid fit-talb
- taf li qed titkellem ma' xi ħadd
- tibda aktar tagħtih mill-ħin tiegħek
- jibda jsir iktar importanti għalik.

Għalkemm għandek dan in-nuċċali speċjali, inte se tibqa' m'għandekx tweġiba għal kollox. Min-naħa l-oħra inti se ssir taf lil xi ħadd li għandu tweġiba għal kollox. B'dan in-nuċċali m'intix se tkun meħlus mis-slaleb u mit-tbatija minkejja t-tbatija.

Attent fejn tpoġġih dan in-Nuċċali. Jista' jinkiser jew jintilef! Trid tieħu ħsiebu u tnaddfu. Anke l-fidi tiegħek fil-Qawmien trid tieħu ħsiebha. għax tista' titlifha.

Biex iġġedded din il-fidi tiegħek fil-Qawmien għandek bżonn li tgħaddi aktar ħin quddiem it-Tabernaklu: għandek bżonn titqarben b'fidi akbar.

Jekk trid tibqa' temmen li Ġesu' qam mill-mewt.....tfallix quddiesa!

# STELLARJU U VELU ĠODDA



Għal dawn l-aħħar snin, il-Kumitat tal-Ġimgħa l-Kbira ħa ħsieb li jġedded jew isiru opri ġodda li jkomplu jagħmlu l-Purċissjoni li toħroġ mill-Bażilika tagħna, waħda devota, serja u tradizzjonali. ta' min igħid li s-sena li għaddiet iżżanżnu żewġ opri li jikkonsistu fi Stellarju maħdum mill-*German Silver* għall-istatwa tad-Duluri, li tagħmel parti mill-grupp statwarju ta' Kristu Msallab. dan sar fuq id-disinn ta' dak li kien hemm qabel u nħadem mid-Ditta Joseph Aquilina ta' Ħal-Qormi. L-ispiża tħallset minn grupp ta' parruċċani.



Benefattur tal-vara tal-Veronika ħallas l-ispejjeż kollha biex sar velu ġdid għal din il-Vara. Il-Velu sar minn ħarir fin ħafna li kien imberfel b'ganza u frenza tad-deheb. Il-pittura li tirrapprezenta lill-Wiċċ ta' Kristu tpittret mill-Kav. Pawlu Camilleri Cauchi u saret fuq il-Wiċċ tal-Kurċifiss tal-Vara l-Kbira, dak ta' Mastru Azzopardi.

## *Jimpurtak ?*

Jimpurtak xejn jekk Kristu qamx mill-mewt jew le?

Xorta waħda?

Jimpurtak xejn jekk Kristu baqax fil-qabar?

Xorta waħda?

Jimpurtak jew le jekk mietx? Jimpurtak kif miet ?

U jekk ma mietx u jekk ma qamx mill-mewt, allura Hu ma jżommx kelmtu. U jekk ma jżommx kelmtu, allura mhux veru l-anqas il-kliem l-ieħor tiegħu :" Dan hu Ġismi u Dan hu Demmi".

Lanqas meta qal: "u jien nibqa' magħkom sal-aħħar taż-żmien".

Jimpurtak xejn jekk titqarbinx?

Xorta waħda?

U l-Magħmudija? Jimpurtak mill-Magħmudija?

F'isem min ġejt mgħammed? Lil min ċħadt? F'min temmen?

U jekk Kristu ma xerridx demm għalija, allura lanqas dnubieti ma jinħafru.

U jekk Kristu ma qamx mill-mewt, għalxejn il-Qrar.

Kieku Kristu ma qamx mill-mewt, kieku m'hemmx Vanġelu, m'hemmx magħmudija, m'hemmx qrar, m'hemmx Ewkaristija, m'hemmx ħajja oħra.

U bla dawn kollha m'hemmx Spirtu s-Santu.

U bla Spirtu s-Santu m'hemmx ferħ u paċi.

Jimpurtak issa? Jew xorta waħda?

Ftakar li sew jekk xorta, sew jekk le, sew jekk temmen, u sew jekk ma temminx,

GĦALIH mhux sewwa.

Lilu int u jien ninteresawh ħafna.

Tant mhux xorta għalih li.........ċarċar demmu kollu għalija u għalik.

U tinsiex:

**WARA TLETT IJIEM QAM MINN BEJN L-IMWIET.**

# Minn Qasam l-Arti f'San Ġorġ (2)

*kitba tal-Kan. Dun Nikol Vella Apap*

## Il-Pittur Franġisku Vincenzu Zahra (1710 - 1773)

Artista kbir li għamel ġieħ lil Malta u lill-Belt ta' Senglea huwa l-Pittur Franġisku V. Zahra. Fil-bidu ta' żogħżitu Franġisku Zahra ħadem l-iskultura fil-ħanut ta' missieru. Missieru xtaq ferm li ibnu jieħu din is-sengħa, iżda Franġisku Vinċenzu ma tantx wera xeħta għal din l-arti. Il-moħħ ġenjuż ta' Franġisku Zahra ried iktar wisa biex juri t-talenti nobbli tiegħu.



Zahra ħalla l-mazza u l-iskalpell u qabad il-pinzell u t-tavolozza. Fi żmienu, Malta kellha pittur ieħor kbir. Dan kien Patri Ġann Nikol Buhagiar. Fil-qasam ġdid ta' l-arti F. Zahra sab l-ewwel għajnuniet taħt il-pittur Ġ.N. Buhagiar. L-istoriċi ta' l-arti jgħidulna li F. Zahra qatta' ftit taż-żmien biss ġewwa Napli, fejn ipperfezzjona t-teknika tiegħu. Xi wħud li kitbu fuqu jgħidu li l-arti tiegħu tixxibah ħafna ma' dik tal-pitturi Naplitani ta' żmienu.

L-istil tal-Pittur Franġisk Vinċenzu Zahra huwa stil propju. Xhieda ta' hekk hija l-immaġinazzjoni qawwija u l-ħeffa ta' l-għaġeb f'dak li kien jesebixxi. Fil-Pittura tiegħu wieħed jara figuri donnhom ħajjin ta' qisien eżatti. Fil-kompożizzjoni Zahra wera wkoll li kellu moħħ imdawwal minn kul naha ta' l-istorja. L-ombraturi fil-pittura tiegħu ma humiex mgħobbija b'kulur kuntrarju ta' dawl qawwi. Fil-pittura ta' Zahra, wieħed jinnota armonija, meta tifli xi kwadru ta' gruppi ta' persunaġġi. L-istil ta' F. Zahra jogħġob lil kull min għandu għall-qalbu l-Barokk.

Il-pinzell bieżel ta' F. Zahra tant tħaddem li llum ma hawnx knisja f'Malta u f'Għawdex li ma għandiex xi biċċa xogħol artistika tiegħu. Fil-kotba ta' l-istorja dwar l-Arti f'pajjiżna tiltaqa' ma' lista twila tax-xogħolijiet tiegħu.

F'Għawdex insibu l-kwadru ovali tal-Qalb ta' Ġesu' fil-Kappella tas-Sagrament fil-Knisja Kattedrali u l-Kwadru tal-Madonna tar-Rużarju fil-Kolleġġjata Bażilika tax-Xagħra.

L-ikbar żewġ xogħolijiet ta' F. Zahra ġewwa Għawdex insibuhom fil-Bażilika Kolleġġjata ta' San Ġorġ tal-Belt Victoria. Dawn huma ż-żewġ kwadri kbar: il-Laterali tal-Kor. Franġisk Vinċenzu Zahra pittirhom fis-sena 1763. Kienu ġew imħallsa mill-Arċipriet Ġakbu Galea (1759-1773) li jinsab midfun fil-Kor ta' din il-Bażilika Monumentali.

Dawn iż-żewġ kwadri kbar juru: lil San Ġorġ quddiem l-Imperatur Deoklezjanu, u l-qtugħ ir-Ras ta' San Ġorġ Megalomartri. Il-Pittur Ruman Giovanni Battista Conti ( 1878 - 1970) kien jitgħaxxaq jieqaf iħares lejhom u jitpaxxa bihom.Nistgħu ngħidu li dawn iż-żewġ kwadri, flimkien mal-kwadri l-oħra ikomplu jkabbru l-ġieħ tal-Pittur Malti-Senglean: Franġisk Vinċenzo Zahra.

# IL-KURĊIFISS

"Il-Kurċifiss" hija t-tema ta' Wirja li saret fl-Intrata taċ-Ċentru Parrokkjali ta' san Ġorġ, bejn it-12 u d-19 ta' Marzu 1995. F'din il-Wirja ġew esibiti Kurċifissi, li huma propjeta' tal-Bażilika ta' San Ġorġ. Dawn huma Kurċifissi li kellhom u wħud minnhom għad għandhom użu partikulari għat-tiżjin ta' l-artali u għas-servizzi Liturġiċi li jsiru fil-Bażilika.

Din il-Wirja, li kienet organizzata mill-Kumitat tal-Ġimgħa l-Kbira, ġiet inawgurata u mbierka mill-E.T. Mons. Isqof Nikol G. Cauchi, nhar il-Ħadd 12 ta' Marzu 1955 filgħodu.

B'kollox ġew esebiti 34 Kurċifiss f'ambjent maħluq apposta u addattat għal din il-kwalita' ta' esibizzjoni. Il-Kurċifissi kienu ta' kull daqs, materjal u għamla. Fosthom li kien hemm uħud magħmula fil-kartapesta, injam, bronż u fidda. L-aktar wieħed antik iġib id-data ta' 1658, li hu s-Salib tal-Kleru, li matul is-sena wieħed isibu fil-Kor.

Kurċifiss antik ukoll hu dak li llum jinżamm fil-Kappella privata tas-Sagristija. Qabel l-1848, meta sar il-Kurċifiss tal-Vara l-Kbira ta' Pietru Pawl Azzopardi, dan il-Kurċifiss kien jieħu sehem fil-Purċissjoni tal-Gimgħa l-Kbira li toħroġ mill-Parroċċa ta' San Ġorġ (l-ewwel waħda f'Għawdex). saċerdot, liebes l-ispillizza u stola vjola kien jerfa' dan il-Kurċifiss tul il-Purċissjoni. Kien hemm devozzjoni kbira lejn dan il-Kurċifiss fost in-nies tar-Rabat u lejh kienu jirrikorru fin-nuqqas ta' xita, fil-mard u f'epidemji.



Kurċifiss ieħor interessanti hu dak miksi kollu kemm hu bil-madreperla. Dan kien ġie rregalat lill-Bażilika ta' San Ġorġ madwar tletin sena ilu. Hu tal-epoka Ingliża. Kurċifissi oħra artistiċi huma dawk li fil-festa titulari jitpoġġew fuq l-artali tal-ġnub u l-artal maġġur kemm dawk tal-fidda kif ukoll l-oħrajn xogħol irfinut fl-injam.

Bosta nies żaru din il-Wirja fejn setgħu japprezzaw bosta opri ta' l-arti, xi wħud għonja bi storja sabiħa u nteressanti. Biex wieħed seta' japprezza aħjar dak li kien qed jara, il-Kumitat Organizzattiv stampa librett-gwida b'tagħrif fil-qosor dwar kull wieħed mill-Kurċifissi miġbur mill-Kan. Dun Nikol Vella Apap.

# 50 SENA ILU!

## *Tluq ta' l-Isqof Ġużeppi Pace minn għand il-Kappuċċini għall-Ingress Solenni*

*P. Frangisku Azzopardi, OFM Cap.*

Mat-twaqqif tad-Djoċesi ta' Għawdex, bil-Bolla "Singulari Amore" tas-16 ta' Settembru 1864 (1) nibtet id-drawwa li l-Isqfijiet ta' Għawdex jitilqu għall-Ingress (Dħul Uffiċċjali) fid-Djoċesi mill-Kunvent tal-Kappuċċini. (2)

L-Ewwel Isqof ta' Għawdex, Mons. Mikiel F. Buttigieg, maħtur Isqof Djoċesan fil-Konċistorju tat-22 ta' Settembru 1864 (3), ħa l-Pussess tad-Djoċesi fl-Ingress Solenni li sar nhar it-23 ta' Ottubru 1864 (4). Dak in-nhar, filgħodu kmieni, telaq mill-Knisja tal-Kappuċċini f'karozza miġbuda bl-idejn għall-Kappella proviżorja li twaqqfet ħdejn is-"Salib ta' Flora", minn fejn kompla tiela' f'purċissjoni ġenerali lejn il-Kattidral ta' Għawdex (5). Għal din l-okkażżjoni, fuq il-bieb tal-Knisja tal-Madonna tal-Grazzja tqiegħdet kitba bil-Latin li kienet tistieden lill-poplu biex jingabar hemm, jifraħ lill-Ewwel Isqof tiegħu u jitlob l-għajnuna ta' Alla għalih (6).

Is-Suċċessuri (kważi kollha) ta' l-Isqof M.F. Buttigieg għamlu bħalu, billi telqu għall-Ingress minn għand il-Kappuċċini (7).

Din is-sena jaħbat il-50 Anniversarju ta' l-Ingress ta' l-Isqof Ġużeppi Pace fid-Djoċesi ta' Għawdex. Qabel xejn hu ta' min igħid li l-Isqof Ġ. Pace, mhux biss telaq għall-Ingress minn ghand il-Patrijiet Kappuċċini, iżda għażel ukoll li l-ġimgħa Irtirta' qabel il-Konsagrazzjoni tiegħu bħala Isqof jagħmilha fl-istess Kunvent, bejn l-10 u s-16 ta' Diċembru 1944.

Mons. Isqof Pace ingħata ċella fin-Novizzjat tal-Patrijiet u kien iqaddes kuljum fil-Kappella tan-Novizzjat. Il-ħames Novizzi li nzertaw jagħmlu n-Novizzjat tagħhom hemm kienu jieħdu ħsieb il-qadi kollu meħtieġ ta' l-Isqof innifsu, tal-kamra, jgħinuh fil-quddiesa, itellgħulu l-ikel u l-bqija.

Mons. Isqof Pace kien ġie ordnat Isqof fis-17 ta' Diċembru 1944 minn Mons. Mikiel Gonzi, Arċisqof ta' Malta, assistit minn Mons. Emanuele Galea, Isqof Titulari ta' Tralles u Awżiljarju ta' Malta, u minn Mons. R. Fitzgerald, Isqof ta' Ġibilta', fil-Kattidral ta' Għawdex (8).

L-Ingress ta' l-Isqof Pace sar il-Ħadd 8 ta' April 1945 (9), iżda hu kien mar joqgħod fil-Kunvent tal-Kappuċċini mis-Sibt wara nofs inhar, u hemm ukoll għadda l-lejl. Waqt li kien fil-Kunvent tal-Kappuċċini, il-Kumitat tal-Festi għamillu żjara fejn talbu jixgħel fanal li bin-nar tiegħu kellha titqabbad il-ħuġġieġa tradizzjonali fuq it-Torri ta' Kenuna (in-Nadur). Waqt trattament żgħir imħejji mill-Patrijiet, l-Isqof Pace laqa' it-talba li saritlu u l-fanal mixgħul twassal sat-Torri ta' Kenuna mis-Sur A. Buttigieg, membru ta' l-istess Kumitat (10).

Dak in-nhar, is-Sibt fil-għaxija, il-Kappuċċini offrew ċena b'ġieħ lill-Isqof Pace, fir-refittorju tagħhom. għal din l-ikla kienu mistiedna diversi personalitajiet, fosthom l-Avukat Dr. Ġiġi Pace, ħu l-Isqof. Il-Provinċjal, P. Bernard Galea mill-Ħamrun, qara sunett miktub b'Latin Klassiku, li għalih wieġeb bl-istess ilsien l-Isqof Pace biex radd ħajr, u wera sodisfazzjon tiegħu, għal-laqgħa li kienet saritlu (11).

L-għada sebaħ il-Ħadd, 8 t'April 1945, li ħabat Ħadd il-Ġdid. Minn filgħodu kmieni n-nies bdiet tinġabar bi ħġara quddiem il-Knisja tal-Kappuċċini, u fit-triq li twassal sat-Tokk u iżjed il fuq biex tara l-Isqof għaddej. Fil-ħin miftiehem, l-Isqof telaq minn għand il-Kapuċċini bil-karozzella miġbuda miż-żwiemel. Fit-8.15 a.m. wasal "Casa Azzopardi" fejn libes l-ilbies Pontifikali u rikeb id-debba li wasslitu sal-Kattidral (12). Kif daħal fil-Kattidral tkanta l-Innu ta' Radd-il Ħajr "TE DEUM", u mbagħad Mons. Pace beda l-Quddiesa Pontifikali tiegħu li fiha għamel l-omelija fejn wera l-ħsieb tiegħu dwar it-tmexxija tal-Knisja tad-Djoċesi ta' Għawdex (13).

Ftit tal-ħin qabel telaq mill-Kunvent tal-Kapuċċini, l-Isqof Pace ħa ritratt mal-Patrijiet li kienu jiffurmaw il-Fraternita' dak iż-żmien u oħrajn li ġew minn Malta. Hu xhieda tar-rispett li l-Isqfijiet dejjem kellhom lejn il-Kapuċċini.

### ■ *Riferenzi:*


(1) BEZZINA J., Religion and Politics in a crown colony, Malta 1985, p. 301

(2) S'issa għad ma sibna l-ebda dokument li jgħid x'kienet ir-raġuni li għaliha ntagħżel il-Kunvent tal-Kapuċċini, għat-tluq ta' l-Isqfijiet t'Għawdex għall-Ingress tagħhom. Ipotesi tajba tista' tkun ir-rabta li hemm bejn il-Knisja Kattidral u l-Knisja tal-Madonna tal-Grazzja minħabba l-wegħda tal-Proċessjoni ta' radd il-ħajr wara t-Terrimot tal-1693.

(3) Narrazione Storica delle Feste celebrate nell'Isola di Gozo in occasione dell'Erezione della Collegiata Matrice in Chiesa Cattedrale e dell'Ingresso Solenne di Mons. D.M.F. Buttigieg, Primo Vescovo dell'Isola medesima, Malta 1864, p.4; NAUDI E., Biografia di Mons. D.M.F. Buttigieg, Primo Vescovo di Gozo., Malta 1866, p. 15

(4) BEZZINA J., o.c., p.319. Iżda ma jgħid xejn dwar it-tluq ta' Mons. Buttigieg minn għand il-Kapuċċini.

(5) Narrazione Storica ...... p.17

(6) Idem, p. 45

(7) Tagħrif meħud mill-Manuskritti tal-Kan. Dun N. Vella Apap, Vol.1 La Diocesi di Gozo - Serie dei Vescovi, p.75, passim. Ħajr lill-Kan. Vella Apap. L-Isqof tal-lum, l-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi wkoll telaq għall-Ingress tiegħu minn għand il-kapuċċini fl-10 ta' Sett. 1972. (cf. Il-Ħajja, 11 ta' Settembru 1972, pp.1-2,7)

(8) TIMES OF MALTA, 16 Dec. 1944, p. 3 u 19 December 1944, p.5.

(9) Idem., 9 April 1945, p.3

(10) LEĦEN IS-SEWWA, 14 t'April 1945, p.4

(11) Idem., 1.c.

(12) VELLA APAP N., o.c., p. 149; LEĦEN IS-SEWWA, 1.c

(13) LEĦEN IS-SEWWA, 1.c




⬅ *Il-Karozzella bil-Parilja quddiem il-Knisja tal-Kapuċċini tistenna lill-E.T. Mons. G. Pace.*

➡ *Mons. G. Pace, Isqof t'Għawdex fuq id-debba riesaq lejn il-Kattidral. Jidher Mons. Mikiel Cefai, Arċipriet.*



## SOLENNITA' LITURĠIKA TA' SAN ĠORĠ

**Is-Sibt: 22 t'April:**
Fis-6.30pm: Għasar Kantat

**Il-Ħadd: 23 t'April: Jum il-Festa**
Fil-4.30 pm: Għasar kantat
Fil-5.00 pm : Konċelebrazzjoni Pontifikali mmexxija mill-E.T. Mons. Nikol G Cauchi, Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kapitlu Ġorġjan.

Fis-6.30pm.: Marċ mill-Banda Ċittadina La Stella mat-Toroq ta' Beltna.

## Ir-Rokna tat-Tfal

Għeżież tfal,

Kif intom? Erġajna ltqajna biex ngħidu kelmtejn flimkien. Din id-darba ngħidilkom storja qasira bħas-soltu, imma qabel xejn irrid ngħidilkom xi ħaġa. naħseb li dan ir-Randan smajtu l-Eżerċizzi Spiritwali, hux tassew. Għandi nifhem li smajtuhom l-iskola u lkoll kemm intom ħadtu xi ġid minnhom. Nittama wkoll li għamiltu xi ftit tal-penitenza, l-iktar fejn jidħlu l-ħelu u t-televiżjoni. Barra minn hekk, xi ftit tal-karita' għamiltu wkoll, mhux hekk?

U issa, la semmejna l-karita', hawn hi l-istorja li ridt ngħidilkom.

John Wesley, il-fundatur tal-Metodisti u predikatur famuż, kien sejjer ma' sieħbu biex jagħmel priedka fi knisja tal-kampanja. Kellu jkun hemm ħafna nies għax Wesley kien jitkellem bil-fidi u b'entużjażmu. Meta kien nofs triq, il-karettun tagħhom weħel f'għadira tajn. Tħabtu kemm felħu, imma ma setgħux itellgħuh u tant tilfu ħin li ma kienux ser jilħqu jagħmlu l-priedka.

Sieħeb Wesley staqsieh:

"Kif ippermetta Alla li ngħoddsu f'dan it-tajn meta kont ser tagħmel ħaġa tajba?"

"Għaliex ġralna hekk ma nafx, imma nemmen li Alla ma jagħmel xejn bl-addoċċ".

Kif kienu qed jitkellmu resaq ma' ġenbhom bidwi fqajjar li wara li għenhom itellgħu l-karettun, beda jibki xortih għax kienu ser ikeċċuh mill-art li kien ilu jgħix fiha erbgħin sena. Ma kellux mnejn iħallas il-qbiela u dik is-sena l-wiċċ kien intilef f'maltempata.

Meta John Wesley sar jaf bil-prezz tal-qbiela, daħħal idu fil-but u offra lill-bidwi s-somma li kellu bżonn. Dan anqas ried jemmen 'l għajnejh. Raddlu ħajr u telaq jiġri lejn id-dar biex iwassal l-aħbar lil martu u lil uliedu.

"Issa naf ukoll għaliex il-karettun weħel fit-tajn!" qal Wesley lil sieħbu.

Intom indunajtu għaliex, tfal? Iva, biex Wesley seta' jiltaqa' ma' dak il-bidwi fqajjar u jagħmel miegħu att ta' karita kbir.

Tfal, intom ukoll tridu tkunu dejjem lesti biex tagħmlu atti ta' karita' mal-proxxmu tagħkom kollu.

Sa ma nerġgħu niltaqgħu, l-Għid it-Tajjeb lilkom u lill-familji tagħkom.

Tata'. *Iz-Ziju Peppi*

## KWADRU TAL-MADONNA TA' PINU MOGĦTI LIL BAŻILIKA TA' SAN ĠORĠ

Il-qima lejn il-Verġni Marija, Omm Alla u Ommna, sa minn dejjem kienet il-karatteristika primarja tal-Parroċċa tagħna. Nafu li fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ kienu ħafna d-devozzjonijiet li tnisslu u mbagħad xterrdu f'diversi postijiet ta' Għawdex, fosthom id-devozzjoni lejn Marija Bambina u lejn il-Madonna tas-Sokkors.

Illum, kull min imur il-Bażilika ta' San Ġorġ jibqa' mistagħġeb fl-għadd kbir ta' xbihat tal-Madonna li jfakkruna fid-diversi misteri tal-ħajja tagħna. dan l-aħħar żdiedet xbiha oħra li tfakkarna fil-misteru tal-Qawmien u t-Tlugħ tagħha fis-Sema. Imma tfakkarna fuq kollox fiż-żjara li għamlitilna ġol-gżira tagħna 113-il sena ilu meta f'Ta' Pinu kellmet lit-twajba Carmela Grima.

Il-Kwadru, pittura mill-aħjar taż-żagħżugħ Godwin Cutajar, li hu wkoll restawratur, ġie mogħti b'donazzjoni lill-Parroċċa tagħna b'tifkira ta' Lorenza u Maria Farrugia, membri tal-Komunita' Parrokkjali tagħna li mietu fl-1973 u fl-1993 rispettivament. Dan il-kwadru ġie mbierek mill-E.T. Mons. Nikol Cauchi, Isqof ta' Għawdex, u Dekan tal-Kapitlu Ġorġjan, waqt Konċelebrazzjoni Solenni li saret nhar il-Ħadd 12 ta' Marzu 1995, bis-sehem tal-Kor Laudate Pueri, u li għaliha d-devoti tal-Madonna ta' Pinu ġew b'ħagarhom.

Dan huwa sinjal ieħor li se jkompli jkattar id-devozzjoni tagħna lejn il-Verġni Marija u jorbot il-qalb tal-Parroċċa tagħna mas-Santwarju ta' Pinu li lejh, ta' kull ġimgħa, jiġi organizzat pellegrinaġġ ta' fidi, ta' petizzjoni u ta' devozzjoni.

Lafayette Photo Studio
St. George's Square, Victoria, Gozo.
for professional work...

## PJANETI ĠODDA MILL-LADIES SOCIETY

Waqt Konċelebrazzjoni li saret fit-Tieni Ħadd tar-Randan, fl-okkażżjoni tat-Tberik tal-Kwadru tal-Madonna ta' Pinu, żżanżnet pjaneta gotika ġdida regalata mill-Ladies Society lill-Bażilika tagħna.

Magħmula minn bellus lewn vjola u stolun tal-lama mmarkat b'għadd ta' slaleb rikamati fid-deheb, din il-pjaneta hi kontribuzzjoni oħra fit-twettiq tal-pjan tal-Ladies Society li jimbena ġol-Bażilika sett ta' ilbies sagru li jkun jixraq il-liturġija li tiġi ċċelebrata.

Din il-pjaneta ġiet meħjuta fil-Casa Madre tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesu', Victoria. Swor M.Giovanna, il-ħajjata, bħalissa qed tħit żewġ pjaneti oħra għal San Ġorġ, waħda ta' lewn abjad (li ser tiġi użata l-ewwel darba fl-Għid il-Kbir) u oħra fil-bellus aħdar, fuq il-mudell tal-pjaneta vjola li diġa saret. Ta' min igħid li nhar il-Ħadd 26 ta' Marzu, żżanżnet pjaneta oħra ta' kulur "rosaceo". Din tista' tintuża biss darbtejn fis-sena liturġika, jiġifieri fir-Raba' Ħadd tar-Randan u fit-Tielet Ħadd ta' l-Avvent, meta l-Liturġija tissuġġerixxi dan il-kulur. Id-drapp għal din il-pjaneta nġieb minn Ruma apposta.

Ta' min ifaħħar il-Membri kollha tal-Ladies Society għall-attivitajiet li jwettqu tul is-sena kollha b'risq il-Bażilika ta' San Ġorġ. Inħeġġu lil kull min għandu għal qalbu l-Knisja tagħna biex ma jonqosx li jagħti s-sehem tiegħu fejn jista' u b'mod speċjali billi jieħu sehem fl-attivitajiet li ta' kull xahar torganizza l-Ladies Society.

## FILM DOKUMENTARJU DWAR GĦAWDEX FIT-TEATRU ASTRA

"Għawdex Gżira tal-Ħolm" huwa l-isem ta' dokumentarju ġdid li għadu kif inħadem għall-kumpanija Malta Advetures Productions. Id-dokumentarju li jittratta l-potenzjal turistiku li toffri l-gżira Għawdxija, qed jintwera regolarment ta' kuljum fit-Teatru Astra primarjement għan-numru kbir ta' turisti u barranin li jżuru lill-Għawdex matul is-sena kollha.

Il-wirja inawgurali ta' dan id-dokumentarju saret nhar is-Sibt 25 ta' Marzu wara li x-xahar li għadda ntlaħaq ftehim bejn il-Malta Adventure Productions u s-Soċjeta' Filarmonika La Stella biex it-Teatru Astra jibda jintuża għal dan il-proġett, li huwa l-ewwel wieħed ta' din ix-xorta f'Għawdex. Il-Ministru għal Għawdex Anton Tabone, inawgura dan i-proġett waqt ċerimonja li għalija kienu mistiedna għadd sabieħ ta' personalitajiet distinti u diversi operaturi ta' l-ivvjaġġar.

Id-dokumentarju, imżewwaq b'veduti mill-isbaħ tal-gżira Għawdxija, jagħti ħarsa ħafifa lejn l-ambjent, l-istorja, id-drawwiet, il-kampanja u l-mod ta' ħajja tal-poplu Għawdxi. Jinkludi wkoll dehriet ta' lokalitajiet preistoriċi flimkien ma' diversi aspetti tas-snajja', l-industrija, il-ħajja ta' taħt il-baħar u l-ġrajjiet kulturali tal-gżira.

Il-filmat inġibed minn Alvin Scicluna ta' Citadel Video Communications u fih 25 minuta. Saru ħames verżjonijiet differenti tad-dokumentarju; wieħed bil-Malti, bl-Ingliż, Ġermaniż, Taljan u Franċiż.

**"Għawdex Gżira tal-Ħolm" qed jintwera seba' darbiet kuljum f'ħinijiet differenti bejn l-10.00am u l-4.00pm mit-Tnejn sas-Sibt.**

# AKTAR SUĊĊESSI FIL-KARNIVAL

Saret donnha tradizzjoni għas-Soċjeta' La Stella li ta' kull sena mhux biss tipparteċipa fil-konkorsi tal-Karnival, iżda saħansitra dejjem toħroġ bl-unuri. Dan għaliex sena wara l-oħra, minbarra li tippreżenta diversi 'items' għall-Karnival, qed tkaxkar l-ewwel premijiet tal-biċċa l-kbira tal-konkorsi li jiġu organizzati.

Ħarsa lura lejn l-edizzjonijiet imgħoddija tal-Karnival f'Għawdex tagħti indikazzjoni ċara tas-supremazija li dejjem gawdiet is-Soċjeta' La Stella fil-konkorsi kollha organizzati. U din is-sena ma kenits eċċezzjoni!




*Il-Kumpanija "When Friends Meet"*

Għal darba oħra rajna l-Ewwel Prempju riservat għas-Soċjeta' La Stella fi tlett kategoriji differenti : Kumpaniji taż-żfin, karri trijonfali u maskri grotteski.



*Il-Karru trijonfali "Xalata mat-Tfal fil-Jiem tal-Karnival"*

Fit-taqsima tal-kumpaniji taż-żfin, kbar (koppji), spikkat il-Kumpanija "When Friends Meet" kemm għal dak li jirrigwarda iż-żfin kif ukoll il-kostumi. Forsi mhux biżżejjed li ngħidu li dil-kumpania kisbet l-ewwel premju bla ma nżidu li dan kisbitu b'punti massimi.

Il-karru trijonfali "Xalata mat-Tfal fil-Jiem tal-Karnival" kien fih għaxqa xtara; maħdum b'mod mill-iktar artistiku, dan il-karru ma ħalla ebda dubju li kien ser jispiċċa fuq quddiem nett f'din il-kategorija. Hawn ta' min jgħid li din kienet ir-raba' sena konsekuttiva li s-soċjeta kisbet l-ewwel premju f'dan il-konkors.

Wara s-suċċess li ksibna s-sena l-oħra fit-taqsima tal-maskri grotteski, din is-sena wkoll ippreżentajna sett ieħor bl-isem "Fil-Pjazza Irpożati, Biex Nisquhom Preparati". Kważi, kważi lanqas ma kien hemm bżonn ir-riżultat tal-ġurija biex jikkonferma l-livell għoli li ntlaħaq b'dan is-sett ta' maskri, għaliex anke l-istess pubbliku kien fehma waħda li dawn il-maskri jimmeritahom l-ewwel post, fejn fil-fatt spiċċaw.

Naturalment fil-Karnival ma jkunx jonqos s-sehem tal-Banda La Stella li din is-sena allegrat it-triq kollha ta' l-isfilata b'marċi ferrieħa. Il-banda dehret taħt l-isem "Thousand and One Nights".

**Ħajr lil kull min ta' s-sehem tiegħu biex is-Soċjeta' La Stella setgħet tirreġistra suċċess ieħor kbir fil-Karnival t'Għawdex 1995.**

# PROGRAMM TAL-ĠIMGĦA MQADDSA

## FIL-KOLLEĠĠJATA BAŻILIKA TA' SAN ĠORĠ

**† Il-Ħadd: 9 t'April: Ħadd il-Palm**

Fil-5.00 pm: Funzjoni tat-Tberik tal-Palm u Żebbuġ fl-Oratorju tal-Bażilika. Konċelebrazzjoni Solenni.

Fis-6.00 pm: Inawgurazzjoni tal-Mejda ta' l-Appostli li tibqa' miftuħa l-Ġimgħa kollha.

**† It-Tnejn: 10 t'April:**

Fil-5.30 pm: L-Ewwel Qrara għat-Tfal li din is-sena ser jagħmlu l-Ewwel Tqarbina.

Fis-7.15 pm: Serata ta' Kant mill-Chorus Urbanus u Solisti Barranin

**† It-Tlieta: 11 t'April:**

Fis-7.15 pm: Kunċert ta' Marċi Funebri mill-Banda La Stella taħt id-Direzzjoni ta' Mro. Joseph Vella.

**† L-Erbgħa: 12 t'April:**

Fis-6.15 pm: VIA SAGRA MEDITATA. Fit-Tnax-il Stazzjon, l-E.T.Mons. Isqof Nikol Cauchi, jmexxi Konċelebrazzjoni u jagħti l-messaġġ tiegħu.

**† Il-Ħamis: 13 t'April: ĦAMIS IX-XIRKA**

Fil-5.30 pm: Konċelebrazzjoni Solenni, li fiha jsir il-Ħasil tar-Riġlejn ta' l-Appostli. Reposizzjoni tas-SS.mu Sagrament fis-Sepulkru.

Fis-7.00 pm: **Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira bis-sehem tal-Banda La Stella.**

**† Il-Ġimgħa: 14 t'April: IL-ĠIMGĦA L-KBIRA**

Fit-8.00 am: Uffiċċju tal-Qari, Tifħir tas-Sbieħ il-Jum u Terza.

Fid-9.00 am: Viżti tas-Seba' Knejjes, organizzata mill-Fratellanza tal-Kurċifiss, għall-Komunita' Parrokkjali kollha.

Fil-4.00 pm: Funzjoni Liturġika: Qari tal-Passju, Adorazzjoni tas-Salib u Tqarbin.

**† Is-Sibt: 15 t'April: SIBT IL-GĦID**

Fit-8.00 pm: Velja ta' Sibt il-Għid u Konċelebrazzjoni Solenni, mmrexxija minn Mons. Arċipriet.

**† Il-Ħadd: 16 t'April: L-GĦID IL-KBIR**

Fid-9.00 am: Konċelebrazzjoni Solenni mmexxija minn Mons. Arċipriet

Fid-9.50 am: Tberik tal-Figolli tat-Tfal li jattendu fiċ-Ċentru Parrokkjali. Dritt wara Marċ bl-Istatwa ta' Kristu Rxoxt, mill-Banda La Stella, madwar it-Toroq tal-Belt Victoria.

Fit-3.30pm: Jibda' t-Tberik tal-Familji.

# PELLEGRINAĠĠ GĦALL-ART IMQADDSA

*Organizzat mill-Parroċċa tagħna*

**Mill-5 ta' Ġunju sat-12 ta' Ġunju 1995**

***Titlifx dan iċ-ċans li żżur l-art fejn twieled, għex miet u rxoxta s-Sinjur tagħna Ġesù Kristu***

***Iktar tagħrif, programmi u booking mingħand Mons. Arċipriet li ser jakkumpanja l-Grupp.***

~ In-numru huwa limitat ~

# IKLA TA' JUM SAN ĠORĠ

**Il-Ħadd 23 ta' April 1994 Fin-12.30 pm**

**fil-Cornucopia Hotel - Xagħra**

*Biljetti mingħand il-membri tal-Ladies Society u mill-Uffiċċju Parrokkjali*

# IDEAL HOME EXHIBITION

**Fil-Kumpless tat-Teatru Astra**

***Il-Fiera li toffrilek dak kollu li teħtieġ biex iżżejjen darek***

**Il-Ġimgħa, Is-Sibt u l-Ħadd**

**7, 8, 9 ta' April 1995**

***Matul it-tlett ijiem tal-Fiera jkun hemm roħs speċjali fuq diversi prodotti***

A+M PRINTING LTD. - QALA